**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 250/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca**

**Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Kevin Tabone**

**Johan Pace**

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputati

Kevin Tabone ta' 40 sena, iben Joseph u Carmela nee' Curmi, imwieled Pieta', nhar is-25 ta' Ottubru 1975, residenti Sayonara Triq il-Kahwiela, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita' 508375(M)

U lil

Johan Pace ta' 39 sena, iben Geranzio u Dolores nee' Micallef, imwieled Pieta', nhar is-3 ta' Novembru 1976, residenti 43 Triq Marsamxett, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' 11077(M)

U nakkuzawhom talli fil-12 ta' Novembru 2015 bejn id- 9:40am u 11:15, gewwa Iklin ikkomettew serqa minn gewwa residenza ghad-dannu ta Dominic Galea u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- valur li jeccedi Euro 2329.37, bil-mezz, u bil- lok.

U aktar talli matul ix-xahar ta Novembru 2015 gewwa dawn il gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahlu biex ibieghom jew imexxihom.

Finalment il- Qorti hija gentilment mitluba li titratta ma Johan Pace talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li matul l-ezami tal-imputati ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kinux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

---

[1] Folio 15 u 16 ta' l-atti processwali

[2] Folio 513-515 ta' l-atti processwali

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2020 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-11 ta' Gunju 2018 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jinstabu hatja u cioe[4]:

Kevin Tabone u Johan Pace flimkien:

a. Fl-artikoli 261(b),(c) u (e), 263(a), 267, 279(g), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-rigward ta' Johan Pace wahdu:

c. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata t-12 ta' Novembru 2018, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati separatament jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati zmien xieraq biex iwiegbu ghal din il-mistoqsija, wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici

[3] Folio 531 ta' l-atti processwali
[4] Folio 452 u 453 ta' l-atti processwali

Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-12 ta' Novembru 2018;

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-5 ta' Marzu 2020;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kumissarju tal-Pulizija data 10 ta' Lulju 2020.[6]

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2020 kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex is-sottomissjonijiet finali issiru permezz ta' noti.

Rat illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile qatt ma esebew nota ohra b'sottomissjonijiet finali u dan minkejja li l-Qorti tat estenzjoni tat-terminu originarjament moghti sabiex l-istess tigi pprezentata.[7]

---

[5] Folio 474 ta' l-atti processwali
[6] Folio 556-557 ta' l-atti processwali
[7] Digiret tad-19 ta' Awissu 2020

Rat illi z-zewg imputati pprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom nhar is-26 ta' Awissu 2020.[8]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz l-inkjesta, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

**Ikkunsidrat**
**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-12 ta' Novembru 2015 meta gie rapportat gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara li xi persuni mhux maghrufa kienu dahlu gewwa residenza u serquha. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li sar serq ta' dar wara li gie sgassat bieb u insterqu ammont ta' oggetti u flus kontanti b'valur il-fuq minn sebghin elf Euro.

**Ikkunsidrat**
**Xhieda**

[8] Folio 564 et seqta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-25 ta'Mejju 2016 xehed l-**Ispettur Arthur Mercieca**[9], stazzjonat fil-*Criminal Investigations Department*. Huwa spjega li nhar it-12 ta' Novembru 2015, il-Pulizija rceviet rapport minn certu Domenic Galea illi kienet sehhet serqa gewwa r-residenza numru 103, Triq Dun Karm, Iklin, liema allegata serqa kienet sehhet bejn 10:40pm tal-jum ta' qabel u 11:15am dakinhar. Kien gie nfurmat il-Magistrat Dr. Anthony Vella li kien tal-Ghassa, li kien hatar diversi esperti jassistu fl-inkjesta. L-allegazjoni kienet li nsterqu ammont konsiderevoli ta' sigaretti, flus kontanti u kif ukoll gojjellerija. Ix-xhud kompla jispjega kif fil-granet ta' wara, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Birkirkara kienet irceviet ittra anonima li fiha kien indikat li fuq il-post kien intlemah vann bin-numru ta' registrazzjoni KBN 358. Minn investigazzjonijiet li saru, irrizulta li l-vann, tal-ghamla Mercedes Vito, kien jghajjat lill wiehed mill-imputati u cioè lil Kevin Tabone, li kien gie arrestat in konnessjoni mas-serqa in kwistjoni. Tabone gie mitkellem mill-Ispettur Sandra Zammit fl-Ghassa ta' Birkirkara fejn dan irrilaxxja stqarrija wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Gianella De Marco. Ix-xhud kompla jzid li fl-10 ta' Mejju 2016 Tabone irrilaxxja stqarrija ohra mieghu, din id-darba minghajr ma kkonsulta ma' avukat fejn fiha stqarr li l-imputat l-iehor, Johan Pace kien talbu pjacir sabiex igorrlu xi kaxxi u pjanci bil-vann tieghu. Qal li lil Pace kien jafu minhabba li t-tnejn huma mill-Belt u huma dilettanti tal-klieb. Madankollu huwa nnega li kienu filfatt gew mghobbija

[9] Folios 61-67 ta' l-atti processwali

xi affarijiet fil-vann tieghu. Il-Pulizija ghamlet ukoll stharrig mas-*service providers* tal-*mobiles* relattivi sabiex gew rintraccjati telefonati saru bejn iz-zewg imputati u kien irrizulta li kien hemm kommunikazzjoni bejniethom u li t-tnejn li huma kienu gewwa Birkirkara fil-vicinanzi ta' fejn sehhet l-allegata serqa. Ix-xhud spjega kif il-Pulizija tkellmek ukoll ma xhud okulari, certu Darren Micallef fejn dan stqarr li kien ra tnejn min-nies qed jghabbu xi kaxxi mir-residenza minn fejn sehhet is-serqa dakinhar tal-incident. In segwitu ta' dan, gie arrestat l-imputat l-iehor Johan Pace. Huwa kien irrinunzja ghall-ghajnuna legali u ma wiegeb ghall-ebda mill-mistoqsijiet maghmula lilu. Ftit jiem wara l-Pulizija irceviet ittra anonima ohra fejn fiha rega' gie enfasizzat li fis-serqa kien intuza il-vann in kwistjoni. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li l-awtur taz-zewg ittri anonimi baqa' injot.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 xehed ukoll **Domenic Galea**[10]. Huwa stqarr li fit-12 ta' Novembru 2015 kien ghamel rapport mal-Pulizija minhabba serq mir-residenza tieghu 103, Triq Dun Karm, Iklin. Fid-dar jghixu tlett persuni: hu, it-tifel Clifton Galea kif ukoll it-tifla Lorraine Galea. Skont hu, il-jum meta sehhet is-serqa kien wiehed bnazzi. Filghodu hareg ghal xi qadi imbaghad wara xi hin cemplitlu t-tifla Lorraine Galea li staqsietu jekk kienx halla l-bieb tal-garaxx miftuh. Wara ftit reghat cemplet u qalet li kien hemm it-taqlib fil-kmamar tad-dar. Ix-xhud spjega li x-xoghol tieghu huwa bhala wholesaler tas-sigarretti fejn huwa jqassam gewwa diversi hwienet u pprezenta rivevuti li jirrapprezentaw il-valur tas-sigarretti li gew misruq minn gewwa l-garaxx fl-ammont ta' cirka hamsin

[10] Folios 130-139 ta' l-atti processwali

elf Euro (€50,000). Apparti dan, spjega li kienu nsterqu ukoll ghoxrin elf Euro (€20,000) kontanti li kienu tieghu kif ukoll elf (€1,000) tat-tifel tieghu Clifton Galea. Skont ix-xhud, il-malviventi sgassaw il-bieb tad-dar u imbaghad sgassaw bieb li mill-kuritur jaghti ghall-garaxx. Fil-garaxx gie sgassat armarju li kien imsakkar permezz ta' katnazz zghir. Minn dan l-armarju insterqu l-flus kontanti. Spjega ukoll li l-kaxxi tas-sigarretti huwa pjuttost hfief u allura huwa facli li jingarru u jitghabbew.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 xehdet **Lorraine Galea**[11] li stqarret li dakinhar li sehhet is-serqa hija kienet xoghol u meta waslet lura d-dar ghall-habta tal-11:10am, sabet id-dar kollha zarrmata u basret li xi hadd kien dahal. Hija rat il-garaxx kollu mqalleb, kaxxi mal-art u xi tabakk inferrex mal-art ukoll. Hija sabet iz-zewg bibien tal-garaxx miftuhin u l-ewwel haga li ghamlet hija li ghalqet dawn il-bibien sabiex ma jmurx jidhol xi hadd fuqha. Wara dan, hija telghat fuq fejn sabet il-kxaxen imqallbin u l-hwejjeg mal-art u nnutat li kien insterqilha curkett tad-deheb abjad li kienet xtratu hi stess u kien jiswa madwar €90. Wara dan cemplet lil missierha Domenic Galea u qaltlu b'kollox.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 xehed ukoll **Clifton Galea**[12] fejn ikkonferma li l-familja tieghu kienet ghamlet rapport fuq serqa li kienet sehhet fir-residenza taghhom 103, Triq Dun Karm, Iklin, nhar it-12 ta' Novembru 2015. Dakinhar filghodu ghall-habta tad-9:30am, waqt li kien ghadu d-dar, ix-xhud ircieva telefonata minn *private number* fejn gie mitlub

[11] Folios 155-159 ta' l-atti processwali
[12] Folios 149-154 ta' l-atti processwali

imur jara bicca xoghol ta' twahhil ta' madum gewwa z-Zejtun. Ix-xhud wiegeb li ma setax imur dak il-hin minhabba li kellu xoghol iehor x'jaghmel u offrielu biex jiltaqghu darb'ohra. Wara dan, ix-xhud mar jaghmel bicca xoghol in-Naxxar u wara siegha jew siegha u nofs ircieva telefonata minghand ohtu Lorraine Camilleri fejn qaltlu li r-residenza taghhom kienet giet misruqa u wara ftit ircieva telefonata minghand missieru Domenic Galea li kkonferma dan il-fatt. Meta mar fuq il-post, ix-xhud seta jara li l-bieb ta' barra kien sgassat 'il gewwa u kien hemm taqlib kemm fil-garaxx kif ukoll fil-kmamar. Ix-xhud kompla jispjega li nduna li kien elf Euro (€1,000) flus kontanti neqsin mill-kamra tieghu. Ix-xhud spjega li huwa kien enfasizza l-fatt li kien ircieva dik it-telefonata stramba mal-Pulizija li waslu fuq il-post sabiex jinvestigaw is-serqa. Skont hu, min ghamel dik it-telefonata kellu lehen maskili u kien jidher li huwa bniedem tas-sengha minhabba l-ligwagg tekniku li uza.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016, xehed ukoll **Darren Micallef**[13] li spjega li dakinhar tas-serqa, huwa kien qed jaqsam it-triq permezz tal-*pedestrian crossing* li jinsab faccata tal-fond derubat u ra li kien hemm vann quddiem id-dar. Ra ukoll li kien hemm zewg persuni lebsin hwejjeg skuri u bil-*hood* go rashom u wiehed minnhom hareg b'kaxxa tal-kartun f'idu u dar lejn il-vann. Ix-xhud spjega li dak il-hin huwa baqa' ghaddej izda ha nota tan-numru ta' registrazzjoni tal-vann li kien KBN 358. Ix-xhud kien jaf lil Clifton Galea, li joqghod fil-fond derubat. Xi jiem wara kien qed jitkellem ma' Galea u dan qal x'kien gara. Hemmek ix-xhud ghamel il-konnessjoni u

[13] Folios 160-167 ta' l-atti processwali

tkellem dwar dak li kien ra. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-imputati, ix-xhud stqarr li in kwantu ta' wicc le izda jiftakar l-istatura taghhom fejn dan li kellu l-kaxxa f'idu kien kemmxejn imbaccac u l-iehor kien iktar goff minnu. In kwantu tal-ilbies, ix-xhud ikkonferma li l-malviventi kienu lebsin gkieket skuri bil-*hood*, li kienet imtella' fuq rashom.

Dan laqat lix-xhud bhala fatt kemmxejn kurjuz minhabba li t-temp ma kienx ghadu qaleb xitwi.

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 xehdet **Doris Serpina**[14], Deputat Registratur, fejn hija kkonfermat illi fit-3 ta' Novembru 2016 kienet irceviet il-proces verbal relatata mal-kaz in kwistjoni mill-ufficcju tal-Avukat Generali, dan kien redatt mill-Magistrat Dr Anthony Vella.

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 xehdet ukoll **WPS 198 Jennifer Caruana**[15], stazzjonata fl-Ghassa ta' Birkirkara fejn stqarret li nhar it-12 ta' Novembru 2015 ghall-habta ta' 12:15pm marru jirrappurtaw gewwa l-Ghassa Domenic Galea, Clifton Galea u Lorraine Galea. Dawn qalu li kienu ghadhom kif indunaw illi xi hadd kien dahal fir-residenza taghhom u ha ammont sostanzjali ta' affarijiet mir-residenza, fosthom ammont konsiderevoli ta' sigaretti, madwar ghoxrin elf (€20,000) fi flus kontanti u xi gojjellerija. Ix-xhud ikkonfermat illi hija kienet marret fuq il-post u hemmekk l-ewwel haga li nnutat kienet li bieb li jaghti ghall-garazz kien sgassat. Kien hemm ukoll xi taqlib fil-kmamar tas-sular ta' fuq. In kontro-ezami, ix-xhud iccarat illi l-bieb li kien jidher li gie sgassat kien dak li mill-

[14] Folios 171-172 ta' l-atti processwali
[15] Folios 240-245 ta' l-atti processwali

kuritur jaghti ghall-garaxx. Stqarret ukoll li ma kienet innotat ebda sinjali ta' sgass mal-bieb ta' barra izda mill-investigazzjonijiet kien irrizulta li dan gie sgassat ukoll.

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 xehdet ukoll **l-Ispettur Sandra Zammit**[16], illum stazzjonata fir-*Rapid Intervention Unit* fejn hija kkonfermat illi nhar it-12 ta' Novembru 2015 ghall-habta tal-12:15pm il-Pulizija tal-Ghassa ta' Birkirkara rcevew rapport minn certu  Domenic Galea illi kien ghadu kif induna li sar serq mir-residenza tieghu 103, Triq Dun Karm, Iklin. Ix-xhud accediet fuq il-post flimkien ma WPS 198 Jennifer Caruana fejn gie nnutat li kien hemm bieb li jaghti ghall-garaxx li kien gie sgassat u kien hemmt xi taqlib fil-garaxx. Domenic Galea, is-sid tad-dar, kien stqarr li kienu nsterqulu madwar ghoxrin elf euro (€20,000) fi flus kontanti kif ukoll sitta u tletin kaxxa tas-sigaretti illi kienu jikkontjenu 25 grossa. Fis-sular ta' fuq tad-dar kien gie nnutat ukoll li kien hemm xi taqlib fil-kamra tas-sodda. Ix-xhud spjegat ukoll li kienet giet informata li mill-kamra tat-tifel, tal-kwerelant, certu Clifton Galea, kienu ittiehdu elf euro (€1,000) u mill-kamra tas-sodda tat-tifla, Lorraine Galea, kien ittiehed Curkett tad-deheb abjad. Il-kwerelant kien indika ukoll li kien hemm sinjali ta' sgass mal-bieb ta' barra. Il-Magistrat tal-Ghassa, Dr Anthony Vella gie nfurmat fejn dan ordna z-zamma ta' inkjesta u hatar l-esperti.  Ix-xhud kompliet tispjega li hija tkellmet ma Clifton Galea, li minn naha tieghu stqarr li aktar kmieni ghall-habta tad-9:20am kien ghadu d-dar u kien ircieva telefonata fuq il-*mobile* tieghu minn *private number* fejn kellmu xi hadd b'lehen maskili li ma kienx jaf min hu u talbu sabiex imur jara bicca xoghol iz-Zejtun. Ghalkemm

[16] Folios 246-254 ta' l-atti processwali

huwa ma marx dak il-hin, Clifton Galea xorta harge mid-dar fuq impenji ohra u wara beda jissuspetta li dik it-telefonata kienet intizi biex taqilghu mid-dar. Minn stharrig li sar mas-*service providers*, irrizulta li t-telfonata kienet saret minn linja tal-Vodafone bin-numru 99999773 li madankollu ma kienitx registrata. Spjegat ukoll li l-Pulizija kienet irceviet ittra anonima li fiha inghatat informazzjoni li fl-allegata serqa kien intuza vann ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni KBN 358. Minn stharrig li sar irrizulta li l-vann kien registrat fuq l-imputat Kevin Tabone. Ix-xhud ikkonfermat illi hija kellmet lil Tabone flimkien mal-Ispettur Arthur Mercieca fejn dan ikkonferma li kien fuq il-post bil-vann dejn id-9:00am u 9:30am sabiex jghin lil Johan Pace igorr xi kaxxi u pjanca wara li dan kien talbu. Lil Pace kien jafu minhabba li t-tnejn huma dilettanti tal-klieb. Tabone kien stqarr li meta wasal fuq il-post, kien hemm Tabone barra r-residenza in kwistjoni u minnufih dan fetah il-bieba tal-vann, tela' u qallu suq, u dan saq. Johan Pace kien gie mitkellem mill-Ispettur Mercieca gewwa is-CID.  Minn investigazzjonijiet ulterjuri, irrizulta li minn numru li kien cempel lil Clifton Galea kienu qed isiru ghadd telefonati lejn il-Facilità Korrettiva ta' Kordin, precizament lil certu Costantino Felice li kien qieghed il-habs. Ix-xhud spjegat illi hija flimkien mal-Ispettur Mercieca kienu kellmu lil dan Felice fejn dan kien stqarr li n-numru kien ta' certu Patrick Mangion li kien gewwa l-habs mieghu izda li imbaghad kien hareg. Il-*localisation data* indikat li t-telefonata lil Clifton Galea kienet saret mill-Iklin stess, nhar it-12 ta' Novembru 2015 ghall-habta tal-9:45am.

Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 xehdet **Ann Marie Abela**[17], *Junior Legal Assistant* ma Melita Limited fejn hija kkonfermat illi l-kumpannija kienet gabret il-*localisation data* mitluba u ghaddietha lis-Supretendent Cassar. In rigward tal-call profile mitlub, dan kien gie mghoddi lill-Pulizija ftit wara li gie mitlub f'Novembru 2015. Madankollu, ix-xhud iccarat li din l-informazzjoni issa ma ghadhiex f'idejn il-kumpannija minhabba li tali data tinzamm sa massimu ta' sena. Murija l-*call profile* li kien gie provdut lill-Pulizija, ix-xhud ikkonfermat illi dak kien gie mahrug minn Melita Limited. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li n-numru 79292893 huwa registrat fuq Clifton Galea.

Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 xehdet ukoll **Marisa Gauci**[18], *Data Request Administrator* ma Vodafone Malta Limited fejn hija kkonfermat li l-kumpannija kienet irceviet diversi rikjesti ghall-informazzjoni f'Novembru u Dicembru 2015 kif ukoll Jannar 2016 minghand l-Ispettur Sandra Zammit. Hija pprezentat l-informazzjoni rikjesta permezz ta' CDs. Ix-xhud regghat xehdet waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2020 fejn hija stqarret li l-Inginier li kien investiga u silet id-data relattiva kien certu Mario Cordina.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017, xehed **PS 659 Jeffrey Hughes**[19], gia stazzjonat fis-Sezzjoni Forensika. Huwa kkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat Dr Anthony Vella fit-12 ta' Novembru 2015 rigwardanti inkjesta dwar serq li sehh mill-fond 103, Triq Dun Karm Psaila, l-Iklin, fejn

---

[17] Folios 318-324 ta' l-atti processwali
[18] Folios 313-317 u 374-375 u 533-539 ta' l-atti processwali
[19] Folios 343-345 u 390-391 ta' l-atti processwali

gie mghoddi minn PS 422 Neil Godwin Caruana hdax-il kaxxa tal-kartun vojta immarkati bhala 15CHF201 sabiex jigu ezaminati ghall-impront digitali. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ghamel dan l-ezercizzju fejn gew zviluppati diversi impronti li gew fotografati. Ix-xhud rega xehed fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017 fejn huwa kkonferma li r-ritratti tal-impronti digitali li rrizultaw huwa ezebiti minn Dok N1 sa N8 fir-relazzjoni pprezentata fl-atti tal-inkjesta.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017 xehed **Joseph Mallia**[20]. Huwa spjega li fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2017, huwa kien gie mahtur mill-Qorti sabiex jiehu kopja tal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputati Johan Pace u Kevin Tabone. Gie awtorizzat ukoll li jirtira r-rapport ta' PS 442 li fih hemm zewg impronti digitali illi kienu jaghmlu parti mill-inkjesta *in genere* li kien inzammet. Skont ezamijiet li ghamel ix-xhud sa dak l-istadju, l-ebda impronta digitali ma kienet taqbel ma' dawk taz-zewg imputati. Madankollu , huwa irrileva li kien ghad hemm xi materjal x'jigi mghoddi lilu u allura sa dak l-istadju, huwa ma kienx ghadu espleta kompletament l-inkarigu tieghu.

Fis-seduta tal-10 t' Ottubru 2018 xehed **Stephen Cachia**[21], rapprezentant tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fejn huwa kkonferma illi f'Novembru 2015, il-vettura ossija vann bin-numru ta' registrazzjoni KBN 358, li hija tat-tip Mercedes Benz Vito ta' lewn abjad, kienet registrata fuq isem Kevin Tabone, detentur tal-karta tal-identità 5083785M. Damet hekk registrata sat-13 ta' Mejju 2016 meta giet trasferita lil certu Freddy Mansueto.

[20] Folios 407-408 ta' l-atti processwali
[21] Folios 468-469 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2020 xehed l-Inginier **Mario Cordina**[22], *Head of Radio Network* ma Vodafone Malta. Huwa pprezenta rapport redatt minnu fejn ghamel studju in rigward tas-*cell towers* vicin taz-zona relevanti. In kontro-ezami, huwa ccara li d-data migbura permezz ta' *cell towers* mhijiex kapaci tindika il-post ezatt fejn wiehed ikun minhabba li kull *tower* ikopri distanza konsiderevoli u wiehed jista' jkun f'kwalunkwe parti minn dik il-kopertura.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputati**

Illi l-istqarrijiet ta' l-imputat Kevin Tabone ittiehdet nhar il-15 ta' Novembru 2015 u fl-10 ta' Mejju 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Arthur Mercieca u fil-prezenza ta' l-Ispettur Sandra Zammit (l-ewwel stqarrija) u PS 985 S Pace (it-tieni stqarrija), wara li kienu inghata is-solita twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[23]. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija[24].

Illi l-istqarrijiet ta' l-imputat Johan Pace ittiehdet nhar il-10 ta' Mejju 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Arthur Mercieca u fil-prezenza ta' PS 985 S Pace wara li kienu inghata is-solita twissija ta' xiex gie investigat u wara li

---

[22] Folios 549-552 ta' l-atti processwali
[23] Dok AM5, Folio 79 ta' l-atti processwali
[24] Dok AM6 u Dok AM7 Folio 80-85 ta' l-atti processwali

nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[25]. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija[26].

Illi fit-tlett stqarrijiet l-imputati ghazlu li jwiegebu ghad-domandi li sarulhom pertinenti ghall-kaz u jidhol f'certu dettal dwar l-allegat serqa u l-involviment taghhom u l-passi taghhom f'din il-allegazzjoni.

Fl-udjenza ta' nhar il-11 ta' Frar 2019, l-auvkat ta' l-imputat Kevin Tabone talab lil Qorti *"peress l-istqarrija tal-akkuzat saret minghajr l-assistenza ta' avukat, tigi skartata."*[27]

Sussegwentement fl-udjena tat-3 ta' Frar 2020 regghet saret l-istess talba u l-imputat talab *"direzzjoni mill-Qorti dwar x'ser tkun il-posizzjoni taghha dwar stqarrijiet mehuda minghajr assistenza ta' avukat u minghajr disclosure."*

F'din is-seduta il-Qorti iddegretat li din it-talba ser tigi indirizzata wara t-trattazzjoni finali tal-partijiet u ser tifforma parti mis-sentenza.[28]

Ghalhekk fuq bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputati humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-

[25] Dok AM 11 Folio 89-90 ta' l-atti processwali
[26] Dok AM6, Folio 80-82 ta' l-atti processwali
[27] Folio 486 ta' l-atti processwali
[28] Folio 531-532 ta' l-atti processwali

istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputati rrilaxxaw l-istqarrijiet taghhom, huwa kienu ingħataw id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla taghom, liema dritt infatti l-imputat Kevin Tabone kien uza ghal l-ewwel stqarrija u sussegwentement huwa ghazel li ma juzax dan id-dritt fit-tieni stqarrija. L-imputat Johan Pace ghazel li ma juzax id-dritt tieghu li jikkonsulta ma avukat ta' fiducja tieghu. Madankollu ma kienu ingħataw l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat taghhom matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[29] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputati ġew interrogati.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-

[29] Fit-28 ta' Novembru 2016

ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[30] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*
>
> *"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*
>
> *Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta'*

[30] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[31] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

[31] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[32] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[33] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat.*

[32] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[33] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[34] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

[34] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[35]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[36]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[37] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun*

[35] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[36] Folio 14 tas-sentenza
[37] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[38]

Illi din is-sentenza gie ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[39]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[40] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputati, u tinsab konvinta li l-imputati, specjalment Johan Pace, huma ben konxju jekk mhux imdorrija ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu

[38] Folio 25 tas-sentenza
[39] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[40] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Osservazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti qabel ma tidhol fuq il-mertu tal-kaz taghmel is-segwenti zewg osservazzjonijiet.

i)Illi fir-rinviju tal-gudizzju ta' l-Avukat Generali gie indikat l-artikolu 279(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad minn issa illi dan l-artikolu ma jezistix fil-Kodici Kriminali u qatt ma kien jezisti minn xi zmien ghal zmien.

ii)Illi fl-inkjesta magisterjali irrizulta li bhala konsegwenza tas-serqa l-vittmi soffrew certu hsarat fil-propjeta' taghhom. Illi skond ir-rapport ta' l-espert dawn il-hsarat ma jeccedux l-elfejn u hames mitt Euro izda jeccedu il-mitejn u hamsin Euro.[41]

Fil-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport li jifforma parti integrali ta' l-inkjest Magisterjali huwa indikat li l-imputati ghandhom jigu akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Domenic Galea, volontarjament ikkagunaw hsarat fil-bieb ta' barra tar-residenza 103, Triq Dun Karm, Iklin kif wkoll fil-bieb li mir-residenza jaghti ghal garaxx, liema

[41] Folio 20 tar-rapport ta' l-espert mahtur Dr. Anthony Cutajar, Folio 199 ta' l-atti processwali

hsarat ma jiskorrux l-elfejn u hamsin Euro u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu, jirrizulta li kemm il-prosekuzzjoni ma ressqux din il-imputazzjoni, kif ukoll l-Avukat Generali ma indikax dan ir-reat fir-rinviju ghal-gudizzju. Dan kollu qed jinghad in vista tal-fatt li din il-Qorti tista tiddeciedi biss fuq dak li huwa mressqa quddiemha finalment bhala artikolu fir-rinviju ghal-gudizzju u assolutament xejn iktar. Dan jinghad ukoll fil-konfront ukoll ta' dawk l-artikoli tal-ligi li jirrigwardjaw is-setgha tal-Qorti li tikkundanna l-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez tal-periti u espert nominati u mahtura tul il-process.

**Ikkunsidrat**
**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[42], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

[42] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir."***

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[43] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[44]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[45] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[46] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

---

[43] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[44] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[45] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[46] deciz 5/12/1997

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[47]

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg.

[47] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

> *"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*
>
> *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
>
> *Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*
>
> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*
>
> *Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-*

*assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[48] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta*

[48] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[49] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

[49] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

Illi l-imputati huma akkuzati tali ikomettew serqa minn gewwa residenza ghad-dannu ta' Dominic Galea u l-familja tieghu, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[50]. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur u l-lok. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputati u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

---

[50] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Illi skont l-artikoli ta' l-Avukat Generali gew indikat li dan is-serq huwa ikkwalikat bl-agravju tal-mezz in vista tal-fatt li skond il-ligi sar bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata.

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Arthur Mercieca irrizulta li l-pulizija kienu ircevew *"ittra anonima illi kienet tindika illi din il-persuna kienet rat vann bin-numru ta' registrazzjoni KBN 358 fuq il-post"*.[51] Ftit zmien wara gewwa l-istess Ghassa, kienu ircevew it-tieni ittra anonima[52] fejn indikat li go dan il-van bin-numru tar-registrazzjoni KBN 3358 *"kien hemm dawn iz-zewg persuni suspettuzi li kienu ghabbew kaxxi minn gewwa r-residenza fejn sehhet is-serqa."*[53]

Illi tul il-mori tal-proceduri dawn l-ittri anonimi baqghu ma gewx maghrufa jew identifikati l-awturi taghhom. Ghalhekk il-Qorti trid tqis il-

[51] Folio 62 ta' l-atti processwali. Vide Dok AM8 Folio 86 ta' l-atti processwali
[52] Dok AM1 Folio 68 ta' l-atti processwali
[53] Folio 64 ta' l-atti processwali

fatt li la dawn l-ittri qatt ma gew ikkonfermati u awtentitaki din l-Qorti m'ghandiex quddiema prova shiha u korretta li fuqha tista' tistrieh fuqha fir-rigward tal-kontenut taghha.

Illi f'dan ir-rigward id-difiza ta' l-imputati Johan Pace u Kevin Tabone jaghmlu referenza ghal-kawza **Il-Pulizija vs Valentine Sciberras** fejn ghamlet referenza ghal dak li stqarr l-Imhallef Emeritus Dr. Joseph Galea Debono:

*"il-provi quddiem il-Qrati ma jsirux b'ittri li jintbaghtu lil Pulizija…. Hadd ma gie quddiem l-Ewwel Qorti biex jikkonferma bil-gurament il-korrettezza w l-awtenticita' ta' din l-ittra (…). Ghalhekk ghandu ragun l-appellant li jghid li hawn ma ngabitx l-aqwa prova u li konsegwentement din il-prova kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti."*

Jaghmlu referenza wkoll ghal-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri**[54] deciza mill-istess Imhallef Emeritus Dr. Joseph Galea Debono u l-kaz **Il-Pulizija vs. Manolito Magri**[55] deciz mill-Magistrat Dr. Marseanne Farrugia

Illi din il-Qorti taqbel u taghmel taghha dak mistqarr f'dawn is-sentenzi u tikkunsidra l-ittri anonimi bhala *documentary hearsay evidence* u tiskarthom bhala prova sufficjenti.

[54] Deciza 31 ta' Mejju 2007
[55] Deciza 12 ta' Dicembru 2018

Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta li dan il-van ta' l-ghamla Mercedes Vito kien jghajjat lil wiehed mill-imputati u cioe lil Kevin Tabone. Sussegwentement xhud pajzan identifika li kien ra zewg persuni dehlin go residenza tisraq. Illi dan ukoll gie ikkonfermat mix-xhud Steven Cachia bhala rapprezentat tal-Trasport Malta.[56]

Mix-xhieda tal-vittma Domenic Galea, irrizulta li l-vittma kien jahdem bhala *wholesaler* iqassam is-sigaretti u li apparti li serqulu erbghin kaxxa sigaretti bil-valur ta' hamsin elf, serqulu wkoll ghoxrin elf Euro *cash* lilu, elf Euro lit-tifel u curkett lit-tifla[57]. Bhala valur globali jitilghu ghal madwar wiehed u sebghin elf Euro.[58] Illi dawn l-ammonti gew ikkonfermati permezz ta' Dokumenti DG1, DG2 u DG3[59].

Illi x-xhieda tieghu kienet giet ukoll ikkonfermat fl-inkjesta meta kien ta x-xhieda tieghu quddiem l-espert mahtur Dr. Anthony Cutajar.[60]

Mix-xhieda tieghu jidher li l-hallelin kienu jafu fejn kellhom ifittxu u ghal xiex marru jisirqu minkejja li qallbu d-dar kollha. Illi dan kollu gie ikkonfermat mix-xhud Clifton Galea, li jigi t-tifel tal-vittma u li kien anke xehed fl-inkjesta magisterjali[61]. Ikompli jispjega wkoll li dak in-nhar kien ircieva telefonata issaqsih biex jattendi fuq post sabiex jaghti stima ta' xoghol u kien informa lil din il-persuna li bhal issa ma setax ghax kien

[56] Dok SC1, Folio 470-473 ta' l-atti processwali
[57] Folio 157 ta' l-atti processwali
[58] Folio 133 ta' l-atti processwali
[59] Folio 140 -148 ta' l-atti processwali
[60] Folio 4-6 ta' l-Inkjesta Magisterjali esebita a folio 175 et seq ta' l-atti processwali
[61] Folio 6—ta' l-inkjesta Magisterjali esebita a folio 175 et seq ta' l-atti processwali

hiereg fuq xoghol iehor.[62] Illi din it-telefonata qisa bhala wahda susspettuza, u wara li sehhet is-serqa isusspetta li r-raguni tat-telefona kienet biex tbeghdu mid-dar.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Sandra Zammit irrizulta li t-telefonata li kienet saret lil Clifton Galea kienet saret gewwa l-Iklin stess u kienet sehhet dakinhar tas-serqa tat-12 ta' Novembru 2015 ghal habta ta' l-ghaxra nieqes minuta ta' filghodu.[63] Fl-istess xhieda, l-Ispettura tkompli tghid li gie ikkonfermat mal-Vodafone li din il-linja kellha kuntatt mal-imputat Johan Pace. Din il-linja in kwistjoni, li ghandha n-numru 99999773 kienet cemplet kemm lil Clinfton Galea kif ukoll lil imputat Johan Pace dakinhar qabel kienet sehhet is-serqa. L-Ispettura ikkonfermat ukoll bejn l-imputat Kevin Tabone u Johan Pace qabel is-serqa tramite is-service providers. Dawn it-telefonati bejn l-imputati u ma' Clinfon Galea saru fl-inhawi ta' Birkirkara u Iklin.[64][65]

Illi dawn it-telefonati gew ikkonfermati mix-xhud Marisa Gauci li esebit CD b'dawn il-provi kif ukoll ix-xhud Ann Marie Abela li kkonfermaw il-*localisation* tat-telefonati.[66]

Mix-xhieda ta' Darren Micallef jirrizulta li kien prezenti fil-mument li sehhet is-serqa. Jispjega li *"kont qed naqsam it-triq u qsamt minn fuq il-lights li jigu faccata tad-dar ta' Domenic u naf li kien hemm vann quddiem id-dar, ma tajtx*

[62] Folio 151 ta' l-atti processwali
[63] Folio 250 ta' l-atti processwali
[64] Folio 251-252 ta' l-atti processwali
[65] Vide Dok SZ1-Dok SZ3, Folios 255-289 ta' l-atti processwali
[66] Dok MG1 u Dok MG2 – Folios 317a u 317b ta' l-atti processwali, Folio 325-329 ta' l-atti processwali

*kaz, bqajt miexi u mill-gemb naf li rajt zewg persuni liebsin hwejjed skuri u b'hood go rashom u wiehed minnhom naf li mill-gemb rajtu hiereg b'kaxxa f'idu ta' l-kartun u gibed lejn il-vann, issa jiena ma tajtx kaz biss imbaghad orkitni ghajni li liebes hood go rasu dan u dawwart wicci u naf li ma rajt lil had u ccumbajt in-number plate ta' l-vann, huwa vann abjad, Mercedes Vito u bqajt miexi, jiena one mhux ha ndur dak kull ma rajt hux."*[67]

L-istess xhud jikkonferma li n-number plate li ra kien KBN 358[68]. Madankollu ma kienx f'possizzjoni li jidentifika wicc il-persuni ghalkemm seta jiddeskrivi l-istatura taghhom – *"statura medja qisha mhux xi twal u lanqas qosra bhal meta tghid qosra… tista tghid li kienu rgiel…. gakketta skura bil-hood go rashom"*.[69]

Illi l-esperti mahtura bhala *Scene of the Crime Officers* elevaw lifters minn gewwa ir-residenza fuq bieba ta' gwardarobba mil-ewwel kamra tas-sodda u minn fuq unit mil-ewwel kamra tas-sodda kif ukoll nubb diversi kaxxi tas-sigaretti .[70] Sussegwentement gie mahtur espert mill-Qorti sabiex jaghmel ezami komparattiv wara li ittiehdu l-marki tas-swaba ta' l-imputati. Minn dawn l-ezamijiet ma rrizultax li l-impronti digitali jappartjenu lil wiehed jew iehor mill-imputati.

Finalment ir-rikavat tas-serqa qatt ma nstab.

---

[67] Folio 161 ta' l-atti processwali
[68] Folio 162 ta' l-atti processwali
[69] Folio 163-164 ta' l-atti processwali
[70] Folio 58 u 59 tar-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Galea esebita a folio 231 u 232 ta' l-atti processwali, Dok JH1, esbit a folio 404-417 ta' l-atti processwali u Dok JH2 esebit a folio 436-450 ta' l-atti processwali

Madankollu din il-Qorti tqis li minn imkien ma ngabet prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati kienu jew wiehed jew iehor, in-nies li dahlu u serqu din id-dar u dan peress li, ma ngabu ebda provi forensici, jew provi diretti mix-xhieda jew imqar xi prova specifika li torbot lil l-imputati, u mhux haddiehor, bhala l-persuna responsabbli minn din is-serqa kif ukoll tali accettaw hwejjeg ghandhom akkwistati b'konsegwenza tar-reat.

Issa huwa vera li din il-Qorti semghet il-provi li l-vann registrat f'isem l-imputat Kevin Tabone kien jinsab fuq il-post fil-faxxa ta' hin li fih allegament sar ir-reat. Huwa vera wkoll li mill-provi irrizulta li numru tal-*mobile* li ma huwa assenjat jew registrat fuq hadd, cempel lil Clifton Galea u anke lill-imputat l-iehor Johan Pace, fl-istess faxxa ta' hin. Dawn l-indizji, ghalkemm jistghu jibdew jippuntaw lejn x'seta' verament gara dakinhar, madankollu din il-Qorti trid necessarjament tistaqsi jekk jezistux dubbji deddati mir-raguni dwar ir-rizultanzi li gew ipprovati f'dan il-kaz. Tajjeb jew hazin, il-Qorti jidhrilha li effettivament, sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni ta' htija fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, wiehed irid necessarjament jaghmel assunzjonijiet, u jipotizza xenarji li mill-provi ma jirrizultawx.

U peress li fir-realm tal-possibbli u ta' l-ipotetiku, ix-xenarji ta' dak li seta' gara jistghu jkunu infiniti, din il-Qorti ma tista' qatt taccettahom bhala fatti li jwasslu ghal sejbien ta' htija sal-grad ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-ligi kif spjegat hawn fuq din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera lill-imputati minn l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' ricettazzjoni**

Illi l-imputati gew akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni, kontemplat fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa reat alternattiv ghal dak ta' serq li bih l-imputati gew akkuzat fl-ewwel imputazzjoni.

L-imputat tressaq skond l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[71] gie kkunsidrat li:
*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an*

[71] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[72] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien*

[72] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)

*messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[73]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputati xjentement laqghu ghandhom dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Is-suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat mhuwiex bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

Illi a skans ta' ripetizzjoni tal-provi gia msemmija ma jirrizultax mill-provi li nstabu xi oggetti misruqin fil-pussess ta' l-imputati jew li rrizulta xi konnessjoni bejn l-istess oggetti misruqa u s-serqa mertu ta' dan il-kaz.

Illi ghalhekk fuq l-assjem tal-provi migbura u mressqa ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-livell ta' prova mehtiega f'dawn il-proceduri li gie kommess ir-reat ta' ricettazzjoni mill-imputati.

**Ikkunsidrat**

**L-Addebitu tar-recidva**

Peress li l-imputati qed jigu t-tnejn li huma liberati mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom, l-addebitu tar-recidiva kif postulat fil-konfront ta' Johan Pace ma jistax jissussisti. Illi l-imputat Johan Pace gie

---

[73] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998

akkuzat wahdu ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni esebit hames sentenzi f'dawn ir-rigward bhala prova tar-recidiva. Ghandu jinghad li wahda minn dawn s-sentenzi kienet dwar serq u ohra dwar attentat ta' serq.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita ta' l-14 ta' Novembru[74] l-imputat kien gie ikkundannat ghal multa u ghaldaqstant din is-sentenza ma tistax tigi meqjusa ghal finijiet tar-recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.[75]

Illi fir-rigward is-sentenza esebita ta' l-4 ta' Lulju 2008[76] l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mis-sentenza tali kkometta fost reati ohrajn serq. Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward ara sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita ta' l-24 ta' Settembru 2009[77] l-imputat kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mis-sentenza tali kkometta fost reati ohrajn attentat ta' serq. Din

---

[74] Folio 293-294 ta' l-atti processwali

[75] **Pulizija vs Joseph Grech**; Imhallef Edwina Grima; Deciza 28 ta' Gunju 2017

[76] Folio 295-301 ta' l-atti processwali

[77] Folio 302-307 ta' l-atti processwali

is-sentenza inghatat bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigwara ara sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004.

Id-difiza ta' l-imputat Johan Pace taghmel referenza wkoll f'dan ir-rigward ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-5 ta' Dicembru 2001[78] l-imputat kien gie ikkundannat multa u ghaldaqstant din is-sentenza ma tistax tigi meqjusa ghal finijiet tar-recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa.[79] .

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tas-7 ta' Marzu 2012[80] l-imputat gie ikkonfermat fl-appell hati ta' serq fost reati ohra u kkundannat piena karcerarja komplessiva ta' tliet snin u tmien xhur u multa ta' tliet mitt Ewro.

---

[78] Folio 308-312 ta' l-atti processwali

[79] **Pulizija vs Joseph Grech**; Imhallef Edwina Grima; Deciza 28 ta' Gunju 2017

[80] Folio 333—342 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant bhala piena ta' sentenza din il-Qorti tqis li ghandha tigi kkunsidrata bhala tar-recidiva. Il-Qorti tosserva li din is-sentenza ma tindikax b'mod car u b'certezza l-konnotati ta' l-imputat Johan Pace. Illi din is-sentenza hija nieqas mid-dettalji personali ta' l-imputat. Madankollu din is-sentenza tirrizulta fil-fedina penali ta' l-imputat, liema fedina penali ma gietx kkontestata u ghaldaqstant din il-Qorti tikkunsidra din is-sentenza bhala wahda valida u tikunsidra li fir-rigward din is-sentenza, l-addebitu tar-recidiva giet ippruvata.

Illi fir-rigward ghas-sentenzi l-ohra l-Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis s-sentenzi in kwistjoni huma validi in vista tal-fatt li kkonotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi

Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49, 50 u 289.

Minkejja dan il-Qorti tista tikkunsidra l-addebitu tar-recidiva BISS jekk l-imputat jinsab hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni li kif diga indikat hawn fuq ser jigu liberati minnhom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b),(c) u (e), 263(a), 267, 279(g) [li ma jezistix], 279(b), 280(2), 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Kevin Tabone u lil Johan Pace:

**Mhux hatja** ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrihom u tilliberahom minn kull htija u piena dwarhom;

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva stante li Johann Pace gie liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra.

**Mogħtija illum nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**